

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per la Basilicata (l-Italja) fl-10 ta' Awwissu 2017 – Olympus Italia Srl vs Istituto di Ricovero e Cura a Carattere Scientifico – Centro di Riferimento Oncologico della Basilicata di Rionero in Vulture (I.R.C.C. S. CROB)**

(Kawża C-486/17)

(2017/C 374/22)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale per la Basilicata

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Olympus Italia Srl

Konvenut: Istituto di Ricovero e Cura a Carattere Scientifico – Centro di Riferimento Oncologico della Basilicata di Rionero in Vulture (I.R.C.C.S. CROB)

**Domanda preliminari**

Il-prinċipji [tad-dritt tal-Unjoni Ewropea] ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali, flimkien mal-prinċipji ta' moviment liberu tal-merkanzija, ta' libertà ta' stabbiliment u ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif ukoll il-prinċipji li jirriżultaw minnhom, bħall-ugwaljanza fit-trattament, in-nondiskriminazzjoni, ir-rikonoxximent reċiproku, il-proporzjonalità u t-trasparenza, previsti fid-Direttiva 2014/24/UE <sup>(1)</sup>, jipprekludu leġislazzjoni nazzjonali, bħal-leġislazzjoni Taljana bbażata fuq id-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 95(10) u 83(9) tad-Digriet Leġislattiv Nru 50/2016, skont liema n-nuqqas ta' indikazzjoni separata tal-ispejjeż ta' sigurtà tal-impriża, fl-offerti ekonomiċi ta' proċedura ta' għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi, tiddetermina fi kwalunkwe każ l-esklużjoni tal-offerti mingħajr il-possibbiltà ta' għajnuna fit-tfassil tad-dokumenti ("soccorsu istruttorio"), inkluż fil-każ fejn l-obbligu sabiex jiġu indikati separatament dawn l-ispejjeż ma kienx ġie speċifikat fil-formola annessa qabel intużat u tlestiet għat-tressiq tal-offerti, u dan indipendentement mill-fatt li, mill-perspettiva tal-mertu, l-offerta tosserva l-ispejjeż minimi ta' sigurtà tal-impriża?

<sup>(1)</sup> Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2014, dwar l-akkwist pubbliku [kuntratti pubbliċi] u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, p. 65).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) fl-10 ta' Awwissu 2017 – proċeduri kriminali kontra Alfonso Verleza et**

(Kawża C-487/17)

(2017/C 374/23)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Corte suprema di cassazione

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Alfonso Verleza, Riccardo Traversa, Irene Cocco, Francesco Rando, Carmelina Scaglione, Francesco Rizzi, Antonio Giuliano, Enrico Giuliano, Refecta Srl, E. Giovi Srl, Vetreco Srl, SE.IN Srl

**Domandi preliminari**

1) L-Anness tad-Deċiżjoni 2014/955/UE <sup>(1)</sup> kif ukoll ir-Regolament (UE) Nru 1357/2014 <sup>(2)</sup> għandhom jiġu interpretati, fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-iskart taħt kodiċijiet mera fis-sens li, fejn il-kompożizzjoni tal-iskart ma tkunx magħrufa, il-produttur tal-iskart għandu jwettaq il-karatterizzazzjoni minn qabel tiegħu u, jekk hu hekk, f'liema limiti?